# Il-Biċċerija Pubblika

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Li tipprovdi servizzi ta' qatla ta' kwalità għolja bl-aktar mod iġeniku, filwaqt li tissodisfa l-istandards stretti tat-trattament xieraq tal-annimali u ta' kwalità, filwaqt li l-vijabbiltà ekonomika u s-sostenibbiltà tal-industrija lokali tal-bhejjem.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://biccerija.gov.mt/servizzi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur id-Dipartiment

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-il minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://biccerija.gov.mt/servizzi/*
- Permezz tas-Servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Issotometi ilment

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi il-feedback tagħna fi żmien 5 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Il-Biċċerija Pubblika, Triq il-Biċċerija, Albert Town, Marsa MRS 1123, Malta
- Wasla tal-Annimali 02:00 – 10:00
- Ordnijiet tas-Servizzi 06:00 -13:00
- Amministrazzjoni 07:00 – 17:00
- Servizz tal-Emerġenza fl-Irziezet 24/7
- *info.abattoirmalta.mafa@gov.mt*
- *https://biccerija.gov.mt/servizzi/*